

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) 12seasons GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 246, 22.7.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Jannar 2021 – Enoport vs EUIPO – Miguel Torres (CABEÇA DE TOIRO)

(Kawża T-811/19) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea CABEÇA DE TOIRO – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea SANGRE DE TORO – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2021/C 72/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Enoport – Produção de Bebidas Lda (Rio Maior, il-Portugall) (rappreżentant: J. Alves Coelho, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Miguel Torres, SA (Vilafranca del Penedès, Spanja) (rappreżentanti: M. Ceballos Rodríguez u M. Robledo McClymont, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Settembru 2019 (Każ R 394/2019-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Miguel Torres u Enoport – Produção de Bebidas.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Enoport – Produção de Bebidas Lda hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 36, 3.2.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Jannar 2021 – RY vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-824/19) (¹)

(Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Terminazzjoni ta’ kuntratt għal żmien indeterminat b’applikazzjoni tal-Artikolu 47(c)(i) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg – Implimentazzjoni ta’ sentenza tal-Qorti Ġenerali – Artikolu 266 TFUE – Dritt għal smiegħ – Deċiżjoni ġdida ta’ terminazzjoni)

(2021/C 72/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: RY (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Schima u B. Mongin, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' April 2019 li ttemm il-kuntratt għal żmien indeterminat tar-rikorrent.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) RY huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 36, 3.2.2020.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Jannar 2021 – Apologistics vs EUIPO – Peikert (discount-apotheke.de)

(Kawża T-844/19) (¹)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva discount-ap*theke.de – Trade marks tal-Unjoni Ewropea verbali preċedenti APODISCOUNTER u APO u figurattivi preċedenti apo-discounter.de, apo.co u apo.de – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001)”*

(2021/C 72/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Apologistics GmbH (Markkleeberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Hug, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Söder, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Franz Michael Peikert (Offenbach, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Bruggmann, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Ottubru 2019 (Każ R 2309/2018-5) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Apologistics u F. M. Peikert

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Apologistics GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 45, 10.2.2020.